**Emenda 1**
**Martin Häusling**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0424/2021**
**Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel**
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji għad-deżinjazzjoni tal-antimikrobiċi li għandhom jiġu riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa O**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| O. billi l-Artikoli 112, 113 u 114 tar-Regolament (UE) 2019/6 jippermettu l-użu mhux skont it-tikketta ta' prodotti mediċinali veterinarji u umani għal skopijiet veterinarji skont ċerti kundizzjonijiet; billi l-Artikolu 107(6) tar-Regolament (UE) 2019/6 jippermetti lill-Kummissjoni tillimita l-użu mhux skont it-tikketta; billi ***ma hemm l-ebda dispożizzjoni fir-Regolament*** (UE) 2019/6 ***li tippermetti*** l-użu tal-HRAM għal kwalunkwe skop veterinarju; | O. billi l-Artikoli 112, 113 u 114 tar-Regolament (UE) 2019/6 jippermettu l-użu mhux skont it-tikketta ta' prodotti mediċinali veterinarji u umani għal skopijiet veterinarji skont ċerti kundizzjonijiet; ***billi l-Artikolu 107(5) tar-Regolament (UE) 2019/6 madankollu jeskludi b'mod espliċitu l-applikazzjoni ta' dawk l-artikoli għall-HRAM;*** billi l-Artikolu 107(6) tar-Regolament (UE) 2019/6 jippermetti lill-Kummissjoni tillimita l-użu mhux skont it-tikketta; billi ***fid-dawl tal-Artikoli 37(3) u 107(5), id-dispożizzjonijiet attwali tar-Regolament*** (UE) Nru 2019/6 ***jipprojbixxu*** l-użu tal-HRAM għal kwalunkwe skop veterinarju ***mingħajr eċċezzjoni***; |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 2**
**Martin Häusling**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B9-0424/2021**
**Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel**
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji għad-deżinjazzjoni tal-antimikrobiċi li għandhom jiġu riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Oa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Oa. billi dan l-approċċ assolut joħloq kunflitt bejn l-interessi tas-saħħa tal-bniedem u dawk tas-saħħa tal-annimali, bil-possibbiltà li jkun kontroproduttiv fir-rigward tat-tħassib dwar is-saħħa tal-bniedem u mhux proporzjonat fir-rigward tat-tħassib dwar is-saħħa tal-annimali;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

13.9.2021 B9-0424/3

**Emenda 3**
**Martin Häusling**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0424/2021**
**Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel**
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji għad-deżinjazzjoni tal-antimikrobiċi li għandhom jiġu riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa BC**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| BC. billi jkun mixtieq li ssir distinzjoni bejn dawk l-applikazzjonijiet differenti biex jintlaħaq l-objettiv li tiġi ppreservata l-effikaċja tal-HRAM bl-aktar mod effettiv mingħajr ma jinħoloq effett negattiv mhux dovut ***fuq is-saħħa tal-annimali***; billi, madankollu, l-għoti tas-setgħa fir-Regolament (UE) 2019/6 ma jipprevedix il-possibbiltà li ssir tali distinzjoni; | BC. billi jkun mixtieq li ssir distinzjoni bejn dawk l-applikazzjonijiet differenti biex jintlaħaq l-objettiv li tiġi ppreservata l-effikaċja tal-HRAM bl-aktar mod effettiv mingħajr ma jinħoloq effett negattiv mhux dovut ***fir-rigward tat-trattament ta' annimali individwali klinikament morda (i.e. kwalunkwe annimal, kemm jekk annimal tal-kumpanija, kif ukoll jekk annimal taż-żoo, annimal selvaġġ jew annimal li jipproduċi l-ikel); billi t-terminu "individwali" f'dan il-kuntest huwa maħsub biex jinkludi diversi annimali, iżda biss dawk li huma klinikament morda***; billi, madankollu, l-għoti tas-setgħa fir-Regolament (UE) 2019/6 ma jipprevedix il-possibbiltà li ssir tali distinzjoni; |

Or. en

**Emenda 4**
**Martin Häusling**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0424/2021**
**Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel**
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji għad-deżinjazzjoni tal-antimikrobiċi li għandhom jiġu riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Kummissjoni takkumpanja l-att delegat il-ġdid bi proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat ***ir-Regolament*** (UE) 2019/6 ***biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet*** għat-trattament ta' annimali individwali ***bl-HRAM permezz ta' deroga mill-Artikolu 37(3) ta' dak ir-Regolament***; | 6. Jistieden lill-Kummissjoni takkumpanja l-att delegat il-ġdid bi proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat ***l-Artikolu 107(5) tar-Regolament*** (UE) 2019/6 ***sabiex jippermetti l-użu mhux skont it-tikketta tal-HRAM*** għat-trattament ta' annimali individwali ***klinikament morda (i.e. annimali tal-kumpanija, annimali taż-żoo, annimali selvaġġi jew annimali li jipproduċu l-ikel) taħt ċerti kundizzjonijiet***; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 5**
**Martin Häusling**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0424/2021**
**Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel**
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji għad-deżinjazzjoni tal-antimikrobiċi li għandhom jiġu riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jisħaq li l-lista li għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 37(5) tar-Regolament (UE) 2019/6 u l-emenda ta' dak ir-regolament kif imsemmi fil-paragrafi 6 u 7 ta' din ir-riżoluzzjoni għandhom ikunu applikabbli fl-istess ħin;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità